MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Numru 213/2004

**Illum 10 ta' Mejju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Carmela Vella ta' 55 sena, bint Antonio u Antonia nee` Barbara, mwielda Zabbar fit-3 ta' April 1948 u residenti 'Vella House', Triq il-Kappar, Zabbar, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru Id. 426448(M);

U Anthony Vella ta' 58 sena, iben Rosario u Lorenza nee` Mizzi, mwieled Zabbar fit-22 ta' Frar 1946 u residenti 'Ludor', Trejqet il-Mithna, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru Id. 212146(M) gew akkuzati:

Talli fil-perjodu bejn it-23 ta' Frar 1998 u t-12 ta' April 2002, gewwa Haz Zabbar, b'diversi atti maghmulin

minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bhala sidien tal-fond ‘Vella House’, Triq il-Kappar, Haz Zabbar, u bhalha l-persuni responsabbli ghall-meter tal-elettriku fl-istess fond, b’mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew l-immarkar fil-meter, tal-kwantita` mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi, ikkommettew serq ta’ dawl elettriku li jammonta ghal LM259.72 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccediex LM1000, bil-mezz, bil-hin u fil-lok.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. MA5 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputati ammettew l-akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u tathom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li regghu gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum Dr. Pawlu Lia ghall-imputati iddikjara li l-imputati jobbligaw ruhhom li jhallsu lill-korporazzjoni Enemalta dak kollu dovut rigwardanti din il-kawza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 18, 261 (b), (c) u (f), 263 (a), 267, 270, 278 (3) u 280 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Carmela Vella u Anthony Vella, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum Dr. Pawlu Lia ghall-imputati iddikjara li l-imputati jobbligaw ruhhom li jhallsu lill-korporazzjoni Enemalta dak kollu dovut rigwardanti din il-kawza, tillibera lill-istess imputati taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment il-Qorti taghti lill-imputati Carmela Vella u Anthony Vella l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------